MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 236/2001/1

**Dr Joseph Zammit Tabona**

**vs**

**Lanouar Bounab**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-26 ta’ Marzu, 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tmenin lira (Lm380) arretrati ta’ kera u kontijiet ta’ ilma u elettriku fil-fond 19A, Sir Gorg Borg Street, Sliema, mikri lill-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 630/2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

2. Illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-affidavit ta' l-attur u x-xhieda minnu prodotta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva li l-konvenut qatt ma deher quddiemha la fl-istadju tal-provi ta' l-attur u lanqas meta l-kawza kienet differita ghal diversi drabi ghall-provi tieghu. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod interament fuq ix-xhieda prodotta mill-attur kif maghmula fl-affidavit a fol 17 u dik ta' William Bugeja a fol 31. Din ix-xhieda hija dettaljata u ezawrenti hafna u turi r-relazzjoni li kien hemm bejn l-attur u l-konvenut rigwardanti l-fond 19A, Sir Gorg Borg Street, Sliema, li dam jigi okkupat mill-konvenut mill-1 ta' Jannar 1998 sas-17 ta' April 2001.

It-talba ta' l-attur hija ghal tlett mija u tmenin lira (Lm380) arretrati ta' kera u kontijiet ta' ilma u elettriku tal-fond 19A, Sir Gorg Borg Street, Sliema. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol 9 tal-process fejn qal illi ma hemmx pagamenti dovuti lilu ghal dak li jirrigwarda arretrati ta' kera, izda zamm id-dritt ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet tad-dawl u ilma. Dana jmur kontra l-affidavit guramentat ta' l-attur a fol 17 fejn jispjega fid-dettall ghaliex dan l-ammont huwa dovut. Il-Qorti lesta li toqghod fuq dan l-affidavit guramentat illi wara kollox ma giex kontestat mill-konvenut li wera disinteress estrem ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet tieghu.

Minkejja illi gie moghti diversi opportunitajiet sabiex jaghti x-xhieda tieghu u jirribatti dak illi ntqal, il-konvenut kif inghad, qatt ma deher u di piu' ghal darbtejn l-avukat

tieghu rrinunzja l-patrocinju ta' l-istess konvenut. Il-Qorti ghalhekk, stante li x-xhieda ta' l-attur mhix kontradetta, ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod fuqha u ghalhekk jidhrilha li t-talba tieghu ghandha tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi, illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' tlett mija u tmenin lira (Lm380) arretrati ta' kera u kontijiet ta' ilma u elettriku fil-fond 19A, Sir Gorg Borg Street, Sliema, mikri lill-konvenut.
Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------